MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta tat-22 ta' Awwissu, 2007

Appell Kriminali Numru. 145/2007

Il-Pulizija
(Spt. C. Magri)
(Spt. A. Miruzzi)

vs.

Stacey Chircop

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja talli :
1. fis-6 t'Awissu, 2000, ghall-habta tat-8.30 ta' filghaxija, waqt li kien gewwa l-"Welcome Bar" sitwat fi Triq it-Tigrija, Marsa, dolozament, bil-hsieb li joqtol lil Philip Xuereb minn Haz-Zebbug jew li jqieghed il-hajja tieghu f'periklu car, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delit, billi permezz ta' strument li jaqta' u jniggez tah diversi daqqiet fuq rasu liema delitt ma giex esegwit

minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta' tieghu;
2. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, permezz ta' strument li jaqta' w jniggez, ikkaguna feriti gravi fuq il-persuna ta' Philip Xuereb minn Haz-Zebbug, skond kif gie ccertifikat minn Mr. Antoine Zrinzo MD ta' l-Isptar San Luqa;
3. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, permezz ta' strument li jaqta' w li jniggez, ikkaguna feriti gravi fuq il-persuna ta' l-istess Philip Xuereb, liema offizi x'aktarx jikkagunaw debulizza permanenti fis-sahha jew funzjoni ta' xi parti tal-gisem, jew iggib difett permanenti f'parti tal-ghamla tal-gisem, jew, marda permanenti tal-mohh, ta' l-imsemmi Philip Xuereb;
4. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, fil-hin li huwa kien qieghed jaghmel delitt kontra persuna, kellu fil-pussess tieghu strument li jaqta' w li jniggez;
5. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, zamm u garr strument li jaqta' w bil-ponta minghajr licenzja mill-Kummissarju tal-Pulizija;
6. sar recidiv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-23 ta' Marzu, 2007 li biha, wara li rat l-artikoli 216, 217, 218 tal-Kapitolu 9, 13, 19, 26 tal-Kapitolu 66, 49 u 50 tal-Kapitolu 9, sabet lill-appellant hati kif akkuzat u kkundannatu ghal piena karcerarja ta' hames snin li minnhom jitnaqqas l-arrest preventiv.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-2 t'April, 2007, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar, tirrevoka w tannulla s-sentenza appellata w tillibera lill-appellant minn kull imputazzjoni, htija w piena jew, alternattivament, tirriforma s-sentenza appellata billi minflok tinfliggi piena gusta w ekwa ghall-kaz odjern.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat illi l-aggravji tal-appellant, fil-qosor, huma s-segwenti w cioe' :- 1. Li l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament manifestamnent zbaljat tal-provi prodotti b' mod li ma

setghetex legalment u ragjonevolment tasal ghal sejbien ta' htija , ghax il-prosekuzzjoni naqset li tipprova sal-grad rikjest mill-ligi li kien l-appellant li kkaguna l-feriti sofferti minn Philip Xuereb. Ix-xhieda tal-prosekuzzjoni taw versjonijiet diametrikament opposti w hemm kontradizzjonijiet u inkonsitenzi grossolani li jirrenduhom mhux biss inverosimili imma addirittura mhux kredibbli; 2. Li, minghajr pregudizzju, hu agixxa in legittima difeza ghax bl-azzjoni tieghu kien qed jirrespingi azzjoni ingusta da parti ta' Xuereb u kien qed jiddefendi l-inkolumita' tieghu minn perikolu li kien *sudden, actual* u *absolute*, ai termini tal-artikolu 223 tal-Kap.9. 3. Illi sussidjarjament u minghajr pregudizju, fl-aghar ipotesi hu kien taht l-influwenza immedjata ta' passjoni istantanja jew agitazzjoni tal-mohh li minhabba fiha ma setax iqis l-eghmil tieghu w din skattat bhala rizultat dirett tal-intimidazzjoni , theddid u insulti indirizzati kontrieh minn Philip Xuereb ; u 4. Li l-piena inflitta kienet wahda esagerata w eccessiva fic-cirkostanzi.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Semghet it-trattazzjoni;

Rat l-ordni taghha biex il-kawza tigi rikjamata ghas-seduta tal-lum ghas-sentenza;

Ikkonsidrat;

Illi l-ewwel tlitt aggravji jolqtu l-apprezzament tal-fatti li ghamlet l-Ewwel Qorti. Issa hu principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta’ din il-Qorti (kemm fil-kaz ta’ appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta’ appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti

kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni (ara f'dan is-sens *"inter alia"* l-Appell Kriminali : **"Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et."** [12.5.94; **"Ir-Repubblika ta' Malta vs. George Azzopardi** " [14.2.1989]; **"Il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace"** [31.5.1991] ; **"Il-Pulizija vs. Anthony Zammit"** [31.5.1991] u ohrajn .)

Illi din il-Qorti ghamlet dan l-ezami approfondit tal-provi biex tara jekk jirrizultawx l-akkuzi ta' offizi gravi , ta' pussess t' arma waqt li qed jigi kommess delitt, ta' zamm t' arma bla licenzja w l-addebitu tar-recidiva. L-akkuza ta' tentattiv t' omicidju giet irtirata meta l-Avukat Generali ndika l-artikoli li tahthom setghet tinstab htija fin-Nota tieghu a fol. 451 tal-process,

Mill-ezami ta' dawn il-provi li l-Ewwel Qorti ghamlet f' certu dettall fis-sentenza appellata, jirrizulta li fis-6 t' Awwissu, 2000, l-appellant kien ghamel xi hin jixrob mal-bar fil-Welcome Bar, Triq it-Tigrija, Marsa. Ghal xi hin hdejh kien hemm il-vittma Philip Xuereb li kien ilu hemm jixrob il-Whisky u xi birra ghal tul ta' hin. F' hin minnhom id-diskors waqa' fuq il-glied tal-klieb u Xuereb beda jinsisti mal-appellant biex igelled il-kelb tieghu ma kelb zghir li l-appellant kellu mieghu fil-bar. L-appellant ma riedx jaghmel dan imma Xuereb baqa' jinsisti, tant li f' hin minnhom anki gieghel persuna ohra li kienet qed tilghab il-karti fil-bar, ix-xhud George Spiteri, biex imur Haz Zebbug igiblu l-kelb mid-dar tieghu, kif fil-fatt ghamel. Instema xi diskors fis-sens li l-appellant kien qed jibza' jgelled il-kelb tieghu u li z-zghir jibza mill-kbir u l-appellant hareg mill-bar. Irritorna wara ftit minghajr il-kelb u skond ix-xhud Joseph Xuereb ta' daqqa minn fuq ghall-isfel b' tornavit imdaqqas u Philip Xuereb waqa' mall-art f' ghadira demm. Dan kien ghall-habta tat-8.30 pm. Minn hemm ittiehed l-Isptar fejn, wara li sarlu CT Scan, irrizulta li kellu ferita serjissima fil-kranju li addirittura ippentrat il-mohh u gabet dizabilita' permanenti fuq il-persuna ta' Philip Xuereb, li

minkejja certu progress, ghadu jbaghti minnha sal-lum. (ara fols. 65 sa 74 - relazzjoni ta' Dr. Mario Scerri)

L-appellant, meta kien gie interrogat fl-10 t' Awwissu, 2000, mill-Ispetturi Magro u Miruzzi (Dok. SC) irrifjuta li jwiegeb ghal kull domanda li saritlu bir-risposta : "*Ma nwegibx."* (fols. 45 u 46).

L-appellant ma xehedx f' din il-kawza, kif kellu kull dritt li jaghmel u ghalhekk il-provi huma biss dawk imressqa mill-prosekuzzjoni.

Minkejja li fil-hanut dak il-hin tal-incident kien hemm diversi parruccjani, kif jigri f' hafna kazijiet bhal dawn go hwienet tax-xorb jew postijiet ta' divertiment, ftit ikunu x-xhieda li jikkooperaw mall-Pulizija w l-investigaturi w joffru li jaghtu x-xiehda taghhom u dawk li jigu identifikati, jipprovaw jaharbu mir-responsabbilta' billi jghidu li jew ma raw xejn, jew li ma semghu xejn jew it-tnejn. Hekk gara f' dan il-kaz ukoll u l-unici xhieda li taw xi dettalji dwar id-dinamika tal-incident apparti l-vittma Philip Xuereb innifsu, huma n-neputi tal-istess Xuereb, Joseph Xuereb u certu Joe Cordina, li t-tnejn kienu gol-hanut meta gara l-incident.

Ghalkemm **Joseph Xuereb** fil-bidu tal-investigazzjoni kien xehed li ma ra xejn, ghax kif qal hu kien bezgha. Meta xehed quddiem l-espert tal-Qorti l-Perit Richard Aquilina waqt l-inkjesta, kien xehed li ghall-habta tat-8 pm hu kien mar jiehu Coca Cola gol-Welcome Bar u kien sema' lill-appellant u lil Philip Xuereb jargumentaw pero' mhux b' mod li jindika li ser jaqbdu jaghtu lil xulxin. F' hin minnhom ra lil appellant hiereg 'l barra mill-bar, dahal lura b' pass mghaggel u mar mill-ewwel fuq Philip Xuereb u tah daqqa ta' tornavit li kien fih xi zewg piedi bil-manku b' kollox u kien ohxon xi nofs pulzier. Jghid li l-appellant zamm il-manku qiesu stallett u ta daqqa minn fuq ghall-isfel.

Meta xehed quddiem l-Ewwel Qorti dan ix-xhud qal li kien sema' lil zijuh Philip Xuereb jghid lill-appellant li z-zghir ibza' mill-kbir (Fol. 90). Quddiem l-Ewwel Qorti iddeskriva

t-tornavit bhala twil xi pied, u li l-vittma intlaqat f' rasu. X' hin gara l-incident umbaghad kullhadd hareg mill-bar.

**Joseph Cordina** xehed li meta dahal fil-bar biex jixtri pakkett sigarretti kien sema lill-Xuereb u lill-appellant jillitigaw fuq xi kelb. L-appellant kien qal li l-kelb ta' Xuereb kien kbir ghal ma tieghu. Lippu (Xuereb) kien qal lill-appellant diskors fis-sens li hu kien jibza' jekk iffaccjat b' xi ragel m' ghola hawn. L-appellant telaq il-barra, dahal u ghamel: "Bum Bum u rajtu mall-art u tlaqt nigri 'l barra." (Fol.. 19) Spjega dan billi qal li l-appellant dahal bil-mod, imbotta lil Xuereb, bdew jiggieldu t-tnejn cioe' Xuereb u l-appellant u Xuereb waqa' mall-art. Meta dahal lura l-appellant kien indirizza lil Xuereb bil-kliem: *"Ejja Issa."* u kien hawn li Lippu (Xuereb) "qam ghalih." L-appellant kien qallu : "*Qum minn hemm bully…nghidlek kemm nibza' mill-kbar…"* u kien hawn li l-appellant ghamel "Bum Bum" u ra lill-Lippu (Xuereb) jaqa' mall-art.

**Philip (Lippu) Xuereb** li xehed b' diffikulta' minnhaba l-menomazzjoni li ghandu kawza tal-offiza gravi li sofra, u li xehed bl-ghajnuna ta' speech therapist, xehed li ried igelled il-kelb tieghu ma dak li kellu mieghu l-appellant. L-appellant ma riedx igelled il-kelb tieghu. L-ewwel xehed li qala' daqqa ta' tazza minnghand l-appellant u storda u wara ma jiftakar xejn. Qal li ra t-tazza gejja ghal wiccu. Umbaghad xehed li ma kienx ra lil-appellant jaghtih daqqa ta' tazza pero' semma tazza possibilment minhabba frak tal-hgieg. (Fols. 422 et seq.) Hu qal ripetutament li kien qed jahfer lill-appellant.

Ix-xhieda l-ohra li kien hemm fil-hanut ma jaghtu ebda hjiel ta' kif zviluppa u gara l-feriment.

Ikkonsidrat;

Illi l-ferita li sofra f' rasu Philip Xuereb skond **Dr. Mario Scerri** kienet kompatibbli ma stab wound, cioe' ferita aktar fonda milli wiesgha li saret b' strument jaqta' u bil-ponta u konsiderando l-ebbusija tal-kranju, huwa car li d-daqqa kienet wahda qawwija w kkagunat offiza gravi li setghet anki tikkaguna l-mewt. **Dr. Anthony Zrinzo** xehed li

Xuereb spicca jsofri minn hydro cephalus cioe' gbir tal-ilma fil-mohh peress li kellu frattura fil-kranju li ppentrat il-mohh u l-vittma spicca wkoll isofri minn meningitis. **Dr. Anthony Galea Debono**, espert nominat mill-Qorti, xehed li l-marda hija permanenti w gravissima u id-dizabilita' li ghandu Xuereb hija goffa.(fol. 367) ghalkemm meta rega xehed f' Jannar, 2004 (fol. 445 et seq) qal li issa l-appellant qed jimxi hafna ahjar u minghajr l-ghajnuna ta' hadd u wera titjib konsiderevoli fil-kliem minn meta kien gie ezaminat l-ahhar f' Dicembru, 2002. Ghalkemm il-problema tal-memorja kienet ghadha prezenti, ma kienetx ghadha gravi daqs kemm kienet qabel u l-ferut seta' jitla' jixhed il-Qorti.

Din il-Qorti, bhall-Ewwel Qorti, f' kull kaz hija sodisfatta li l-offiza kienet wahda tali li taqa' taht id-dispozizzjoni tal-artikolu 218 (1) (a) tal-Kodici Kriminali.

Illi ma jidhirx li hemm kontestazzjoni dwar in-natura w l-effett tal-ferita li sofra Xuereb. Il-kontestazzjoni hija dwar jekk din gietx kagjonata mill-appellant u, f' kaz affermattiv, jirrizultax li dan sar fil-kwadru ta' legittima difeza u/jew ta' agitazzjoni tal-mohh jew passjoni istantanja, kif qed tissottometti d-difiza.

Ikkonsidrat;

Illi ghar-rigward tal-ewwel aggravju tal-appellant, huwa minnu li hemm xi inkonsistenzi u/jew kontradizzjonijiet fix-xhieda tal-prosekuzzjoni kif jissottometti l-abbli difensur. Di fatti per ezempju, fil-waqt li Joseph Xuereb l-ewwel kien qal li ma ra xejn, aktar il quddiem ta deskrizzjoni dettaljata tal-incident, umbaghad semma tornavit twil zewg piedi u wara tornavit twil pied. Fil-waqt li Joseph Xuereb jghid li l-appellant kien rega dahal gol-bar b' pass mghaggel, Cordina jghid li dahal bil-mod. Fil-waqt li Joseph Xuereb jghid li l-appellant mar fuq il-vittma w mall-ewwel tah daqqa minn fuq ghall-isfel , Cordina jghid li l-ewwel l-appellant qal lil Xuereb *: "Ejja issa."* u " *Qum minn hemm bully…ha nghidlek kemm nibza' mil-kbar."* u dak il-hin Xuereb qam ghall-appellant u mbaghad "bum bum" u Xuereb waqa mall-art. Umbaghad il-vittma Philip Xuereb l-

ewwel xehed li l-appellant tah daqqa ta' tazza umbaghad qal li jista' jkun li semma tazza minnhabba frak tal-hgieg ghax hu ma rax lill-appellant jaghtih bit-tazza.

Pero', minnkejja dawn l-inkonsistenzi, jirrizulta car li Philip Xuereb sofra l-offiza gravi li sofra ezatt kif l-appellant dahal lura minn barra l-bar u mar fuqu. Ma jirrizultax li Xuereb kellu xi jghid ma xi haddiehor fil-bar dak il-hin u lanqas li vicin l-appellant u Xuereb kien hemm xi hadd iehor li seta' intervjena b' mod li kkaguna l-offiza fuq Xuereb hu. Is-sustanza tal-provi - mhux kontradetti b' ebda prova mill-appellant - hi li kien hu li fera lil Xuereb b' xi strument ippuntat li kisser il-kranju w kkaguna ferita gol-mohh innifsu bil-konsegwenzi fuq deskritti.

Din il-Qorti tara li fl-istat tal-provi l-Ewwel Qorti setghet ragjonevolment u legalmnent tikkonkludi li l-offiza gravi li sofra Xuereb kienet saret bhala rizultat ta' aggressjoni da parti tal-appellant u hadd aktar. Ma rrizulta li kien involut hadd aktar hlief l-appellant la fuq bazi ta' probabbilta' u lanqas fuq bazi tal-possibbli. Ghalhekk l-ewwel aggravju qed jigi respint.

Li lanqas ma jirrizulta li dan kien xi kaz ta' legittima difeza ghax kien l-appellant li ghal xi raguni, wara li kien hareg mill-bar wara diverbju fuq il-glied tal-klieb mall-vittma, u wara li ddispona mil-kelb tieghu, rega' dahal ghas-sodisfazzjon u mar fuq il-vittma armat b' tornavit u ta daqqa bil-qawwa kollha fuq ras il-vittma. Dak il-hin l-appellant ma kien qed isofri minn ebda aggressjoni jew minaccja ghal-inkolumita' tieghu, Jekk kien hemm perikolu dan fittxu hu meta rega' dahal hemm armat b' tornavit u ma jirrizultax li meta xejjer bih kien qed isofri xi agressjoni jew minaccja ta' perikolu da parti tal-vittma, anki jekk hu minnu dak li xehed Cordina li l-vittma qam ghall-appellant. Jekk stess Xuereb ghamel hekk, dan ghamlu fuq sfida tal-istess appellant bil-kliem : ***"Ejja Issa…Qum minn hemm bully ..ha nghidlek kemm nibza mll-kbar."*** Min jistieden ghal-glied hu ma jistax umbaghad jinvoka l-iskuzanti tal-legittima difeza! Ghalhekk anki dan l-aggravju qed jigi respint.

Dwar it-tielet aggravju li l-Ewwel Qorti ma qiesetx it-tezi difensjonali li l-appellant fil-hin tal-incident kien taht l-influwenza ta' passjoni istantanja jew agitazzjoni tal-mohh li ma hallietux iqis l-eghmil tieghu, din il-Qorti osservat li verament fis-sentenza appellata din il-linja difensjonali ma tissemmiex.

Pero' "*in all fairness"* ghall-Ewwel Qorti, meta din il-Qorti ezaminat bir-reqqa kollha t-traskrizzjoni tal-arringa difensjonali tal-abbli difensur (Fols 496 sa 504), kif ukoll tal-kontro-replika tieghu (Fol. 506), ma sabet ebda accenn ghal din il-linja difensjonali. Wara li ddedika il-parti l-kbira tal-arringa tieghu ghall-kwistjoni ta' fatt ta' kif gara u ma garax l-incident , a fol. 504 l-abbli difensur semplicement qal hekk :-

*"…pero', jekk fl-ghar (Sic!) ipotesi, il-Qorti tiddeciedi li ghandha ssib htija fil-konfront ta' l-imputat, id-difiza kif taccenna ukoll il-prosekuzzjoni fit-trattazzjoni tieghu (Sic!) hemm ukoll il-linja difensjonali tal-**legittima difesa** sur Magistrat…"*

Apparti dan l-accen brevissimu ta' tlitt linji ghal-legittima difesa fi trattazzjoni traskritta ta' disgha pagni dattilografati, ma hemm ebda accenn ghal xi linja ta' difiza ohra sussidjarja. Ghalhekk l-appellant issa ma jistax jilmenta li l-Ewwel Qorti ma qiesetx din il-linja ohra difensjonali tieghu, meta hu stess ma semmihiex fit-trattazzjoni tieghu.

L-ebda Qorti ma hija tenuta li toqghod tipprospetta w teskogita "*marte propria*" linji difensjonali li ma jkunux gew espressament sollevati mid-difiza stess, specjalment meta dawn il-linji difensjonali ikunu skuzanti jew skriminanti, li jridu jirrizultaw lil Qorti ghall-inqas fuq bazi ta' probabbilta'.

Ikkonsidrat;

Li pero' f' dan l-appell l-appellant issa qed jinvoka din il-linja difensjonali kontemplata fl-artikolu 227 ( c ) tal-Kodici Kriminali, applikabbli ghall-kaz ta' offiza gravi bl-artikolu 230 (b) u 232 (a).

Issa kif kienet il-ligi qabel l-emenda li saret bl-Att III tas-sena 2002, u allura fiz-zmien tal-incident, w l-gurisprudenza relattiva, t-*test* li ried jintuza mill-gudikant tal-fatt li jrid jara jekk tirrizultax din l-agitazzjoni tal-mohh jew passjoni istantanja, kien wiehed **soggettiv**, fis-sens li l-gudikant irid ipoggi lilu nnifsu fl-istat mentali tal-akkuzat meta hu jkun ikkaguna l-offiza. Issa f' dan il-kaz l-akkuzat appellant la xehed u lanqas irrisponda ghall-ebda domanda fil-kors tal-interrogatorju tieghu. Ghalhekk din il-Qorti ma ghandha ebda hjiel x' seta' kien ghaddej minn mohh l-appellant, meta ddecieda li johrog mill-bar, ihalli l-kelb tieghu x' imkien u jerga jidhol b' tornavit kbir f' idejh u jaghti daqqa fuq ras Xuereb. Din il-Qorti mhux qeghda hawn biex timmagina w tiffantasizza fuq l-istat mentali tal-appellant meta l-istess appellant ma ta ebda indikazzjoni tal-istat mentali tieghu dak il-hin.

Jekk din l-eccezzjoni umbaghad hija bazata fuq il-provokazzjoni, allura anki kif kienet il-ligi fiz-zmien tar-reat u l-gurisprudenza relattiva, t-test kien wiehed **oggettiv** u din il-linja difensjonali kienet tirmexxi biss jekk is-sahna tad-demm  kienet dovuta ghal raguni li <u>f' nies ta' temperament ordinarju, komunement iggib l-effett li ma jkunux kapaci li jqiesu l-konsegwenzi tad-delitt.</u>

Ikkonsidrat;

Li f' dan il-kaz jirrizulta li l-vittma Philip Xuereb kien xorob hafna w beda jistieden b' certa persistenza w insistenza lill-appellant biex igelled il-kelb tieghu ma dak tieghu. Meta l-appellant ma accettax dan ghax hass li l-kelb tieghu kien zghir wisq a paragun ma dak tal-appellant, Xuereb sar verbalment aggressiv u jidher li ghadda xi kummenti fil-konfront tal-appellant dwar li dan jibza' u ma jibzax. Jidher li dan il-kliem dejjaq u irrabja lill-appellant u dan telaq il-barra mill-bar. Imma minnflok ma evita l-inkwiet u baqa sejjer ghall-affari tieghu, deherlu li ghandu jmur lura halli jiehu s-sodisfazzjon u hu stess jisfida lill-vittma ghall-glied bil-kliem li semma x-xhud Cordina fuq riferit.

Issa skond l-artikolu 229 ( c ) tal-Kodici Kriminali l-iskuza tal-provokazzjoni mhix ammissibbli jekk il-hati jkun fittex il-provokazzjoni bhala pretest biex jaghmel hsara gravi fuq il-persuna. F' dan il-kaz veru li kien hemm certu stuzzikar u imbix da parti ta' Philip Xuereb u dan jirrizulta mix-xhieda prezenti, pero' din il-Qorti ma tarax li dan l-agir limitat ghall-kliem biss seta', **<u>f' persuna ta' temperament ordinarju</u>**, jwassal biex l-dak li jkun imur igib tornavit u jinfliggi ferita gravissima fuq ir-ras ta' min kien qed jistuzzikah.

Ghalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti, f' dan il-kaz ma tirrizultax fuq bazi ta' probabbilta' l-linja difensjonali kontemplata fl-artikolu 227 ( c ) u 230 (b) , kemm jekk din hi akkampata fuq dik tal-passjoni istantanja u agitazzjoni tal-mohh , kif ukoll jekk hija bazata fuq  il-provokazzjoni. Ghalhekk anki dan it-tielet aggravju qed jigi respint.

Illi fir-rigward tal-ahhar aggravju dwar il-piena, l-principju regolatur hu li mhux normali li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dak li tkun fil-fatt. (Ara. **"Ir-Repubblika ta' Malta vs. David Vella"** [14.6.1999] , **"Ir-Repubblika ta' Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina"** [24.4.2003] u ohrajn.)

F'dan il-kaz il-piena decizament hija entro l-parametri tal-ligi. Skond l-artikolu 218 il-piena ghall-offiza gravi bhal dik li sofra Philip Xuereb hija dik  ta' prigunerija minn disa' xhur sa disa' snin. Inoltre l-appellant bhala recidiv , jista' addirittura ikunu soggett ghall-piena mizjuda bi grad u cioe' b' massimu ta'  tnax il-sena.

l-appellant ghandu kondotta mill-aktar refrattarja li timla' wiehed u ghoxrin faccata b' mhux inqas minn  tlieta w ghoxrin kunndanna li ma hemmx ghalfejn tigi ri-epilogata hawn. Jinghid biss li minnkejja r-recidivita', nghata diversi sentenzi ta' prigunerija sospizi w kemm il-darba gie liberat b' kondizzjoni li ma jaghmilx reati ohra. Dan kollu ma tantx jidher li serva biex  l-appellant irazzan it-tendenzi  kriminali tieghu. Di fatti issubixxa tlittax il-kundanna ghal reati

kommessi **wara** dawk mertu ta' din il-kawza w fil-mori taghha.

L-uniku attenwanti li jista' jippretendi hija l-mahfra tal-vittma. Izda l-offiza gravi mhux rinunzjabbli u dan ma jannjentax il-gravita' tar-reat w l-fatt li l-vittma ser tibqa' tbaghti ghall-hajjitha kollha l-effeti tal-aggressjoni tal-appellant. F' kull kaz dan hu rifless bizzejjed fil-piena erogata li hija aktar vicin il-minimu milli lejn il-massimu li ghalih seta' jigi sentenzjat.

Ghalhekk il-piena erogata , fic-cirkostanzi tal-kaz, ma tidhirx wahda eccessiva u anki dan l-aggravju qed jigi respint.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------